MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 98/2011

**Fl-atti tal-mandat ta' Qbid numru 1543/09 mahrug fit-18 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet:**

**United Acceptances Finance Limited**

**Vs**

**Alan Borg (ID 131070M) u Josette Borg (ID 130669M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat in esami li bih ir-rikorrenti, Imperia Mifsud (ID 145536M) wara li ppremettiet illi l-esponenti gie a konjizzjoni tal-mandat sudett.

Illi in esekuzzjoni tal-mandat sudett gew maqbuda diversi oggetti li l-esponenti ghandha gewwa safety deposit box mal-HSBC Bank (Malta) plc fil-fergha ta' Swieqi liema

oggetti huma kollha proprjeta tar-rikorrenti u mhux tad-debituri.

Illi l-fatti in sintesi huma s-segwenti:

Illi l-esponenti hija mara anzjana li tigi omm l-intimata Josette Borg.  Illi l-esponenti kellha diversi oggetti ta' deheb u xi flus kontanti li kienu fid-dar taghha.  Gara illi recentement l-esponenti giet misruqa dawn id-deheb u xi flus minn membru tal-familja taghha stess x'aktarx minhabba drogi izda fortuantament l-esponenti skopriet kollox u hafna mill-oggetti misruqa gew debitament ritornati lilha.

Illi wara din is-serqa u peress li l-esponenti hi mara anzjana u allura bdiet tibza li terga tisteraq, uliedha tawha parir biex dawk l-oggetti u l-flus kontanti li kellha tiddepozitahom f'deposit box il-bank.  U l-esponenti hekk ghamlet, izda peress li hi anzjana u ma tantx tohrog gie deciz li d-deposit box isir fuq bintha l-intimata Josette Borg.  In–numru tad-deposit box huwa AA60487, key no 2059.

Gara illi malli infethet id-deposit box u ntefghu l-affarijiet fiha, l-esponenti giet infuramta li issa dawk l-affarijiet gew milquta mill-mandat sudett u allura gew maqbuda.

Illi huwa car daqs il-kristall li dawn l-oggetti m'humiex tad-debitrici Josette Borg izda tal-esponenti.  In fatti hawn si tratta ta' deheb antik u per di piu l-esponenti kienet gja qasmitu fi porzjonijiet biex meta tigi nieqsa hi johduhom ulieda l-bniet infatti fuq partijiet mid-deheb hemm miktub isem uliedha bhala turija ta' lil min hi tixtieq taghtihom jekk tigi nieqsa.

Illi huwa car ukoll li dawn l-affarijiet m'humiex tal-intimata Josette Borg peress li Josette Borg ma tahdimx u bil-kemm tlahhaq tghix bir-relief ulto magis kemm se tixtri deheb jew iggemmha flus.  Di piu hija separata mill-intimat l-iehor u ilha snin ma jkollha kuntatt mieghu.

Illi ghalhekk l-oggetti maqbuda mhumiex tad-debituri izda huma proprjeta tar-rikorrenti u l-istess oggetti ma jistghux jigu uzati in sodisfazzjoni ta’ xi debiti li setghu kkuntrattaw id-debituri Alan Borg u Josette Borg.

Illi kwindi, l-mandat sudett ma jistax jigi ezegwit fuq l-oggetti in kwistjoni.

Illi l-esponenti ghandha kull interess li tissalvagwardja l-proprjeta taghha u li tassigura ruhha li tali oggetti ma jibqghux kopliti bil-mandat de quo peress li hija m’ghandha x’taqsam xejn mad-dejn reklamat mis-socjeta’ United Acceptances Finance Limited li talbet l-hrug tal-mandat u ttenni li hi x’inhi ir-relazzjoni guridika bejn il-kredituri u d-debitur din hija ghalihom *res inter alios acta* kif konfront taghha u ma jistghux jinqabdu oggetti proprjeta ta’ *titzju* in ezekuzzjoni u sodisfazzjoni ta’ dejn li hu dovut minn *sempronju*.

Talbet bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija u illi l-istess Qorti tordna illi l-mandat sudett ma jigix ezegwit fuq il-mobbli gja maqbuda u li jinsabu fis-safety deposit box sudetta u tillibera l-istess oggetti u taghti kull provvediment xieraq u opportun f’dan ir-rigward.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-23 ta’ Marzu 2011 (fol 13 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jigu rilevati s-segwenti fatti:-

a) A fol 3 et seq ibid jinsab anness il-mandat ta’ qbid hawn fuq imsemmi fl-okkju (fol 3 et seq ibid) flimkien mal-verbal tal-esekuzzjoni, iffirmat mill-Marixxal involut kif ukoll dikjarazzjoni ffirmata mir-rikorrenti u bintha Josette Borg. Jigi notat illi fost l-oggetti maqbudin ma hemm l-ebda referenza ghas-‘safe deposit box’ in kwistjoni jew ghall-kontenut taghha. Inoltre, dwar l-oggetti elenkati a fol 4 tal-

atti, jidher li kien hemm di gja digriet iehor kif jidher a fol 10 u fol 11 ibid.

b) Dwar il-kaz in desamina, din il-Qorti kienet tat it-terminu ta' jumejn (2) sabiex tigi intavolta risposta da parti tas-socjeta' intimata u Alan Borg. In rigward Alan Borg, dan wiegeb (a fol 21 ibid) illi jirrimetti ruhu ghad-decisjoni tal-istess Qorti. Da parti tas-socjeta' intimata, jidher li din giet notifikata fit-30 ta' Marzu 2011 (fol 18 u fol 19 'a tergo') izda ma ssottomettiet l-ebda risposta sallum.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl u fl-isfond ta' dak premess fil-paragrafu b) 'supra' jidher li t-talba in esami ma hiex qed tigi kontestata u ghalhekk ser tigi akkolta.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u Tordna li l-mandat in esami ma jigix esegwit fuq il-mobbli gja maqbudin u li jinsabu fis-'safe deposit box' numru AA 60487, cavetta numru 2059 li tinsab fil-fergha tas-Swieqi tal-bank 'HSBC Bank (Malta) plc' u tillibera, favur ir-rikorrenti l-istess oggetti hemm kontenuti.

In rigward l-ispejjes, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------